**Parlament Ewropew**
2024-2029

**TESTI ADOTTATI**

# P10_TA(2026)0060

## Il-ħatra tal-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew

### Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta’ Marzu 2026 dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra tal-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew (N10-0003/2026 – C10-0018/2026 – 2026/0801(NLE))

**(Konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta’ Jannar 2026 (N10-0003/2026)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 283(2), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill Ewropew (C10-0018/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 134 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0038/2026),

A. billi, bl-ittra tat-30 ta’ Jannar 2026, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta’ Boris Vujčić għall-kariga ta’ Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta’ tmien snin li jibda mill-1 ta’ Ġunju 2026;

B. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b’mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, kif jirriżulta mill-Artikolu 130 ta’ dak it-Trattat, tal-ħtieġa tal-indipendenza totali tal-BĊE; billi, fil-qafas ta’ din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidat *curriculum vitæ* kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju

[1] ĠU C, C/2026/707, 28.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/707/oj.

miktub li kien indirizzat lilu;

C. billi dan il-Kumitat imbagħad, fil-25 ta’ Frar 2026, ipproċeda b’seduta ta’ smigħ tal-kandidat, li matulha dan għamel stqarrija preliminari, u wara wieġeb għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra ta’ Boris Vujčić bħala Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.